MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. MIZZI ANTONIO LL.D.

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Numru. 731/2001

Il-Pulizija
(Sp Mario Sammut)
vs
Claudio Cauchi, iben Carmelo,
imwieled San Ġiljan fit-2 ta'
marzu, 1974

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fl-10 ta' ottubru, 2000 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer ġewwa l-Gżira u bnadi oħra, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuza leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċeva mingħand xi persuna, jew kellhu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat u li kien jaf li l-istess kien falsifikat, u cioe' biljett tal-għaxar liri maltin (Lm10).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' april, 2002 fejn iddikjara li wara li ra

l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda tal-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-10 ta' ottubru, 2000 il-pulizija għamlu tfittxija fid-dar ta' l-imputat. Fil-kamra ta' l-imputat u speċifikament fil-komodina ta' ħdejn ras is-sodda huma sabu karta ta' għaxar liri maltin li mad-daqqa ta' għajn dehret li kienet falza. L-imputat ġie nterrogat fuq dan il-fatt u fl-istqarrija tiegħu qal li għal ħabta ta' settembru, 2000 hu kien mar mal-għarusa tiegħu Pceville u kienu tawh din il-karta ta' għaxar liri maltin bqija f'wieħed mill-istabbiliment li kien mar jieħu 'drink'.

Illi l-fatt hawn fuq elenkati ġew konfermati fl-atti ta' din il-kawża. Ġie konfermat li din il-karta ta' għaxar liri maltin kienet waħda falza u kien falz grossolan. L-imputat ikkonferma bix-xhieda tiegħu bil-ġurament li l-għada fil-għodu nduna li din il-karta kienet falza. Hu mar il-bank u l-kaxxier ikkonferma li dik il-karta kient falza iżda skond l-imputat ma żammihx. Hu kien qegħda fil-kaxxun tal-komodina u ħallieha hemmhekk sakemm il-pulizija sabuha waqt it-tfittxija.

Illi mill-provi prodotti l-versjoni ta' l-imputat hi waħda li għandha titwemmen u hu kellhu skuża raġonevoli li kien fil-pussess ta' din il-karta ta' għaxar liri maltin falza.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.